# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tlettax (13) ta' Frar 2017**

**Rikors Numru 59/16 FDP**

**Dr Joseph sive Beppe Fenech Adami**
**(ID 309568M)**

**vs**

**Aleander Balzan**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-17 ta' Marzu 2016 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall xandira illi dehret fuq l-ahbarjiet ta' l-istazzjoni televiziv One TV fil 15 ta' Marzu 2016, talab lill dina l-Qorti tiddikjara tali ahbar bhala libelluza w malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk, talab illi l-intimat jigi kkundannat ihallas danni moral a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xandira, kif riprodotta mir-rikorrent stess, illi kienet tghid is-segwenti:

> *News caster: Minn zewgt ikmamar fir-raba ghal palazz b'valur ta' 5 miljun ewro. Dan huwa l-iskandlu marbut ma' wahda mis-seba proprjetajiet li ghandu Beppe Fenech Adami. Il-Vici Kap tal-parti Nazzjonalista gawda minn decizjonijet skandaluzi fi zmien l-amministrazzjoni ta' Lawrence Gonzi. Fis-servizz li jmiss se nizvelaw ukoll dokumenti esklussivi li japprovaw dan.*
>
> *Servizz: Minn zewgt ikmamar fir-raba' ghal palazz b'valur ta' 5 miljun ewro. Dan huwa l-iskandlu marbut ma' wahda mis-seba' proprjetajiet ta' Beppe Fenech Adami. B'daqqa ta' pinna, f'zewgt okkazzjonjiet, il-Gvern ta' Lawrence Gonzi ghamel il-palazz ta' Beppe Fenech Adami fil-Gharghur jigi jiswa 5 miljun ewro minflok eluf ta' ewro. Dan f'temp ta' ftit snin. Decizjonijiet li kienu skandaluzi u huma ta' favoritizmu car fil-konfront ta' Beppe Fenech Adami F kaz minnhom. l-eks Prim Ministru Lawrence Gonzi intervjena personalment u ghamel eccezzjoni ghalih. Ritratti li ghandu f'idejh One News juru li bejn 1-1988, malli tela' Gvern Nazzjonalista u l-bidu tas-snin 90 kienet bdiet*

*tinbena d-dar ta' Beppe Fenech Adami. Dan minflok zewgt ikmamar li kien hemm. Izda taghrif ufficjali juri li l-ewwel permess fuq il-post kien fl-1994. Il-permess kien biex jibni mill-gdid zewgt ikmamar rurali. Dan fuq art barra z-zona tal-izvilupp, ODZ. 4 snin wara talab biex jestendi u jibni pool. F'kull wiehed minn dawn il-permessi, dejjem indika li ma kienx hemm permessi qabel 1-1994, anke jekk id-dar kien diga' bnieha. Il-permess ghall-pool hadu fl-1999, wara li rega' tela' Gvern Nazzjonalista. Anke jekk il-pool ukoll kien bnieha qabel. Mhux biss bena pool akbar minn dak li ghandu permess ghalih, izda bena pool deck ta' 700 metru kwadru, tliet kwarti ta' tomna. Dan meta skont il-policy tal-ODZ, din ma tistax tkun akbar minn 100 metru kwadru. Imbaghad kien fl-2006 li ttiehdet l-ewwel minn zewg decizjonijiet krucjali biex il-proprjeta' ta' Beppe Fenech Adami splodiet fil-valur. Minkejja dawn l-illegalitajiet fil-palazz ta' Beppe Fenech Adami, il-Gvern ta' Lawrence Gonzi, bl-involviment dirett ta' George Pullicino, dahlu f'zona ta zvilupp. Meta art ODZ issir wahda ta' zvilupp, il-valur jisplodi. Pero' jidher li dan ma kienx bizzejjed ghal Beppe Fenech Adami. Kien imiss decizjoni ohra skandaluza, li biha, l-Vici Kap tal-Partit Nazzjonalista mar tajjeb ferm biex minn hekk, il-proprjeta' kompliet tikber ghad daqs li qeghdin taraw warajja. Fil-2007, il-MEPA applikat hi stess biex il-palazz ta' Beppe Fenech Adami jirdoppja fil-kobor tieghu. Dan b'zieda ta' tliet sulari u semi-basement. Applikat ukoll fuq xi proprjetajiet ohra. Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi f'ittra datata 8 ta' Ottubru 2008 cahad it-talbiet tal-MEPA ghax qal li dawn imorru kontra d-decizjoni tal-Gvern. Pero' mhux hekk ghamel ghal Beppe Fenech Adami. It-talba fuq il-Palazz tieghu kienet l-uniku wahda accettata. Fit-13 ta' Ottubru 2008, Lawrence Gonzi kiteb ufficjalment biex jikkonferma d-decizjoni. Tant kien cert li din l-approvazzjoni se tasal li tmien xhur qabel, Beppe Fenech Adami kien diga applika biex jaghmel ix-xoghol. Imbghad, gimghatejn wara l-ittra ta' Gonzi, l-MEPA tat il-permess ahhari. Biex b'hekk, illum,Beppe Fenech Adami ghandu propjeta li skont agenti tal-proprjeta' tiswa hames miljun ewro. Dan huwa biss il-bidu tal-iskandlu tal-palazz ta' Beppe.*

*Intervent ta Ian Castaldi Paris.*

*U biex inkomplu nitkellmu dwar dan il-kaz, inghaqad maghna fl-istudio n-nutar Ian Castaldi Paris.*

*Insellimlek u nilqak maghna f'One News.*

*Ian Castaldi Paris: Insellem lilek u lit-telespettaturi kollha.*

*Nutar, meta tara kif zviluppa dan il-kaz tal-proprjeta' ta' Beppe Fenech Adami, x'inhuma l-ewwel kummenti tieghek?*

*Ian Castaldi Paris: L-ewwel kummenti tieghi huma, kien hemm Gvern li kienu verament, kien hemm nies imdawwrin, li kienu jabbuzaw mill-poter, fejn kien Gvern li ma kienx jimxi b'mod ugwali ma' kullhadd. Jigifieri Gvern li jekk inti kont tal-qalba, verament kont tgawdi, u anke kienu jsiru affarijiet li nghidulhom, ikunu verament sfaccati u abbuz tal-poter.*

*U kien hemm id-decizjoni tal-2006 li ddahhlet din il-proprjeta' fiz-zona tal-izvilupp. X'impatt kellha*

*Ian Castaldi Paris: Iva, l-fatt li jkollok proprjeta' li tidhollok fiz-zona tal-izvilupp, nahseb jiena overnight, proprjeta' li tkun tiswielek lira, tigi tiswa' ghaxar darbiet aktar. Jigifieri jekk inti tmur tixtri ghalqa li ma tistax tizviluppa fiha proprjeta', din*

*tkun tiswa' 20,000 ewro, probabilment it-tomna. Pero' jekk inti jkollok art ta' tomna li tidhollok fl-izvilupp, din tiswilek il-miljuni.*

*Imbagnad rajna wkoll kif fl-2007, l-eks Prim Ministru Lawrence Gonzi ghamel eccezzjoni ghal Beppe Fenech Adami. Kif thares lejn din id-decizjoni?*

*Ian Castaldi Paris: Jiena nhares lejn decizjoni bhal din li donnu dak iz-zmien ma kienux kuntenti b 'dak li gara, jigifieri rridu nfakkru lin-nies li kien hawn min, ghaliex kellu bicca mill-proprjeta' li ma tkunx dahlitlu fl-iskema tal-bini, spicca ma setax ibiegh il-proprjeta' jew il-valur taghha kien verament baxx, jigifieri fil-kaz ta' Beppe, ma kienx bizzejjed li proprjeta' f'ODZ igibulu li tista' tkun zviluppabbli bhala proprjeta', pero' riedu jkabbrulu anke d-daqs u l-gholi, billi Lawrence Gonzi stess iffirma ittra fejn dan, overnight, kien hemm applikazzjoni ta' xi hadd iehor, tkun giet michuda, pero' ta' Beppe ovjament, ikunu tawh il-permess biex seta' jgholli fil-height limitation u l-valur tal-proprjeta' jkompli jisplodi.*

*U ghalhekk rizultat ta' dawn id-decizjonijiet, kemm bejn wiefied u iehor tistma' li tiswa din il-proprjeta' ?*

*Ian Castaldi Paris: Jiena illum ghamilt ricerka qabel ma gejt. Proprjeta' fil-vicinanzi hafna ta' fejn joqghod Beppe Fenech Adami u li hija kbira daqs nofs is-size ta' Beppe Fenech Adami hija ghall-bejgh mal-agenti ghal 9 miljuni u nofs. Jigifieri proprjeta', biex inkunu saqajna mal-art, milli rajt hawnhekk fil-feature, u anke d-daqs taghha, zgur li wiehed jistma 7 fuq minn 5 miljuni facilment.*

*Tahseb li dan il-kaz jimmerita hafna twegibiet?*

*Ian Castaldi Paris: Iva, dan huwa kaz li ghalija Simon Busuttil illum irid jghaddi minn test u jara li nies li huma mdawrin mieghu u li anke kienu fil-poter zmien qabel, iridu jkunu responsabbli ghal dak li ghamlu, ghaliex mhux sew li cittadin hemm barra li kellu xi haga simili ta' Beppe Fenech Adami gie michud mid-drittijiet tieghu pero' mbaghad ikollok kaz sfaccat, ghax Beppe Fenech Adami kellu missieru Prim Ministru u anke President, u kienet familja li hija hafna assocjata mal-Partit Nazzjonalista, tiehu li tiehu u ssir miljunarju overnight u miljunarju kbir.*

*Nutar qrazzi hafna li ghogbok tinghaqad maghna f'One News. U se nergghu nsegwu issa l-punti ewlenin ta' dak li zvelajna sa issa fl-iskandlu tal-palazz ta' Beppe Fenech Adami.*

*Beppe Fenech Adami kompla jsir miljunarju b'decizjonijiet skandaluzi. Hareg jiprotesta kontra l-bini fl-ODZ meta hu stess kiser u ghadu jikser il-policies tal-ODZ. Beppe Fenech Adam, gawda minn favoritizmu u kien agevolat mill-awtoritajiet. L-eks Prim Ministru Lawrence Gonzi cahad talbiet ohra u approva ta' Beppe Fenech Adami. Il-mistoqsija issa hi: Simon Busuttil x'se jaghmel?*

*Aktar dettalji dwar dan l-iskandlu se nkunu qed nizvelawhom fil-jiem li gejjin.*

Rat illi l-intimat Aleander Balzan gie notifikat fl-24 ta' Marzu 2016 izda sas 16 ta' Mejju 2016, meta ssejjhet il-kawza, la deher u wisq anqas ma ppresenta difiza, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Dr Joseph sive Beppe Fenech Adami** moghtija fis-17 ta' Ottubru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat ir-rikors ta' l-intimat ippresentat fis 27 ta' Ottubru 2016 fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, il-prezentata tal-kopji tal-programm ppresentati mir-rikorrent u li tawtorizza lill-intimat jaghmel is-sottomissjonijet tieghu.

Rat illi fil-31 ta' Ottubru 2016, il-Qorti, filwaqt illi cahdet it-talba sabiex jinghaddew kopja tal-programmi ppresentati stante illi dawna huma gia fil-pussess ta' l-intimat li xandarhom, laqghet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u awtorizzat lill-intimat jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijet ta' l-intimat Aleander Balzan ippresentati fit-12 ta' Dicembru 2016.

Rat is-sottomissjonjiet tar-rikorrent ippresentati fl-14 ta' Dicembru 2016.

Rat illi fit 12 ta' Jannar 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi ghalkemm l-intimat kien debitament notifikat bil-kawza odjerna, huwa naqas milli jressaq difiza in sostenn tal-allegazzjonijiet minnu maghmulha f'programm minnu mtella bhala editur tal-ONE TV.

Il-Qorti tosserva wkoll illi, sussegwentement, ghalkemm l-intimat jidher ili gia a konoxxenza tal-kaz odjern, huwa naqas milli jidher quddiem il-Qorti u ghazel illi, meta talab ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, flok ma jtella provi in sostenn ta' dak minnu allegat, jaghmel biss sottomissjonije tlegali dwar il-provi mressqa mir-rikorrent.

Il-Qorti, ma tistax ma tosservax illi filwaqt illi huwa d-dmir ta' gurnalist illi jgharraf lic-cittadin dwar stejjer u ahbarjiet in konnessjoni ma' l-attivita' ta' persuni pubblici, aktar u aktar meta huma politici eletti mic-cittadin stess sabeix jirrappresentaw l-interessi tac-cittadin, daqstant huwa dmir ta' l-istess gurnalist illi jiddefendi l-argumenti u l-allegazzjonijiet tieghu bil-provi f'Qorti tal-Gustizzja meta dawna jigu kkontestati mill-persuna illi dwarhom tali allegazzjonijiet saru.

Il-fatt illi l-intimat ghazel illi la jressaq difiza quddiem dina l-Qorti u wisq anqas jitlob illi jressaq provi in sostenn ta' l-argumentazzjonijiet tieghu ma jistghux ma jitqiesux minn dina l-Qorti bhala indikazzjoni illi l-intimat ma kienx preparat illi jisostanzja dak minnu allegat fil-konfront tar-rikorrent bil-fatti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrenti w il-provi prodotti, illi l-allegazzjonijiet illi dwarhom qieghed jilmenta ir-rikorrent huma principalment erbgha:

- Illi huwa xtara zewgt ikmanar f'ghalqa u ttrasformahom f'Palazz;
- Illi taht Gvern Nazzjonalista huwa talab permess biex jibni pool b'pool deck ta' seba mitt metru kwadru
- Illi fis-sena 2008 inghata permess itella sular iehor kontra r-regoli li tirriwgwarda z-zona fejn hija d-dar tieghu, jigifieri Gharghur

- Illi l-gnien li hemm mad-dar tieghu ma ghadhiex aktar gewwa ODZ izda illi giet imdahhla fiz-zona ta' zvilupp mill-Prim Ministru tal-gurnata Dr Lawrence Gonzi.

Jirrizulta illi, invista tan-nuqqas ta' provi mressqa mill-intimat, il-Qorti ser ikollha tghaddi ghal gudizzju ibbazat unikament fuq il-provi imressqa mir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel allegazzjoni li dwarha jilmenta ir-rikorrent hija illi r-rikorrent xtara zewgt kmamar f'ghalqa u trasformahom f'Palazz.

Jirrizulta mill-provi illi attwalment, ir-rikorrent xtara il-propjeta fit 18 ta' Ottubru 1994, liema propjeta kienet gia mibnija u okkupata mill-bejjiegha u li kienet deskritta fin-nota ta' l-insinwa bhala "*terraced house bla numru bl-isem ta' Boomerang, flimkien mal-garage maghha anness u konness u inkluza wkoll f'dana il-bejgh hija lart lilha retroposta tal-kejl ta' cirka elf mija u erbgha u ghoxrin metri kwadri*" (fol 21)

Jirrizulta wkoll illi fit 8 ta' Dicembru 1981, l-awtorita dak iz-zmien PAPB kienet gia awtorizzat il-bini ta' dar fuq zewgt sulari, Permess Nru 6771/81/5462/81, liema permess gie rinnovat fit 22 ta' Settembru 1998 mis-sid ta'dak iz-zmien, certa John Gauci, "*to erect dwelling with garage for private cars*" mill-istess PAPB (fol 22).

Jirrizulta, ghalhekk, illi a differenza ta' dak allegat mill-intimat, ir-rikorrent ma kkonvertix "*zewgt ikmamar fir-raba ghal palazz*", izda huwa kien xtara 'terraced house' b'garage, liema 'terraced house' u garage kienu mibnija minn terzi abbazi ta' permess mahrug fis-sena 1981 u rinnovat fis-sena 1988 (fol 23).

Jirrizulta, apparti minn hekk, illi a differenza ta' dak allegat mill-intimat illi l-ewwel permess inhareg fis-sena 1994, attwalment l-ewwel permess kien inhareg fis-sena 1981 u gie rinnovat fis-sena 1988.

Ghalhekk, tali allegazzjoni da' parte ta' l-intimat hija skorretta.

**Ikkunsidrat**

It-tieni allegazzjoni illi dwarha jilmenta ir-rikorrent kienet illi gie allegat illi taht Gvern Nazzjonalista huwa talab permess biex jibni pool b'pool deck ta' seba mitt metru kwadru.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fl-20 ta' Gunju 1997, meta it-tmexxija tal-pajjiz kien f'idejn il-Malta Labour Party bejn is 26 ta' Otturu 1996 u il-5 ta' Settembru 1998, ir-rikorrent kien applika, tramite il-perit tieghu, il-Perit Jesmond Mugliette, "*To demolish existing rooms and construct 2 small ones. Application includes extension to back yard*". Dana il-permess, PA 3721/97, gie approvat mill-Awtorita tal-Ippjanar fis 7 ta' Jannar 1998 (fol 24).

Jirrizulta wkoll, dejjem mill-provi prodotti, illi sussegwentement, fis-17 ta' Lulju 1998, dejjem tramite il-perit tieghu, il-Perit Jesmond Mugliette, ir-rikorrent applika ghall '*Construction of a swimming pool*" gewwa Outside Development Zone, maghrufa ukoll bhala ODZ. Dana il-permess, PA 4438/98, gie approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar fit 22 ta' Marzu 1999 (fol 25).

Il-Qorti tosserva illi huwa verosimili dak li stqarr ir-rikorrent meta huwa sahaq li, meta huwa ppresenta t-tieni applikazzjoni, hadd ma kien qieghed jobsor illi tissejjah Elezzjoni Generali ftit taz-zmien wara u ferm qabel l-iskadenza naturali tal-Gvern, u jerggha jittella fil-Gvern il-Partit Nazzjonalista.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent sahaq illi l-applikazzjonijiet tieghu inghataw l-attenzjoni normali illi jinghata lill kull cittadin, a differenza, sahaq ir-rikorrenti stess, ghall Dr. Joseph Muscat, illum Prim Ministru, fejn huwa applika "*To demolish existing building and construction of a store at basement level, fround floor terraced house and swimming pool. First floor maisonette and overlying maisonette*" fit-22 ta' Jannar 1998 u l-permess inhareg fis-27 ta' Frar 1998 ghalkemm il-periodu ghall-kummenti ta' terzi stabbilit fil-process stess kien jiskadi fit 2 ta' Marzu 1998(fol 26). Ir-rikorrent ghalhekk, insista illi fil-kaz ta' Dr Joseph Muscat, il-permess inhareg ftit aktar minn xahar wara li saret l-applikazzjoni, u dana meta kien fit-tmexxija il-Malta Labour Party.

Jirrizulta, ghalhekk, illi a differenza ta' dak allegat mill-intimat, l-applikazzjonijiet ghat-tkabbir tal-gnien w tal-bini ta' swimming pool saru u gew processati fis-snin meta il-Partit Nazzjonalista ma kienx il-partit fil-Gvern u, filwaqt li l-permess ta' estensjoni tal-gnien inghata meta l-Malta Labour Party kien fit-tmexxija, il-permezz ghal-bini tas-swimming pool inhareg ftit wara illi saret elezzjoni ferm qabel it-terminu tal-Gvern u ttella l-Partit Nazzjonalista fil-Gvern.

Ghalhekk, l-allegazzjonijiet illi r-rikorrent "*inghata l-permess biex jibni mill-gdid zewgt ikmamar rurali ... fuq art barra z-zona tal-izvilupp, ODZ*" u li "*4 snin wara talab biex jestendi u jibni pool*" b'abbuz ta' poter, kif qal in-Nutar Ian Castaldi Paris illi kien gie intervistat in vista ta' tali allegazzjonijet, "*fejn kien Gvern li ma kienx jimxi b'mod ugwali ma' kullhadd*" ma humiex minnhom.

**Ikkunsidrat**

It-tielet allegazzjoni illi dwarha ilmenta r-rikorrent kien illi fis-sena 2008 inghata permess itella sular iehor kontra r-regoli li tirriwgwarda z-zona fejn hija d-dar tieghu, jigifieri Gharghur.

Jirrizulta illi fit 18 ta' Frar 2008, ir-rikorrent applika sabiex ghamel "Miscellaneous additions and alterations to terraced house". Jirrizulta illi tali applikazzjoni, PA 843/08, giet ikkunsidrata favorevolment mill-Case Officer fil 25 ta' Awissu 2008 u eventwalment giet milqugha mill-Planning Authority fis 27 ta' Ottubru 2008.

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrent, illi fis-sena 2008 (u mhux 1998 kif erronjament jghid fix-xhieda tieghu), huwa kien inghata permess sabiex itella sular iehor in linea mal-Policies illi kienet harget il-Planning Authority stess, fejn awtorizzat illi djar fiz-zoma centrali ta' Malta, jizdidilhom sular iehor ma dak illi kellhom.

Jirrizulta illi x-xhieda ressaq provi biex juri illi fid-dintorni ta' fejn joqghod hu, hemm varji propretajiet illi lkoll ghandhom tlett sular, kif kellu hu wkoll, izda l-istess rikorrent insista illi, a differenza tal-postijiet ta' madwaru, huwa ha hsieb illi jressaq it-tielet sular 'l gewwa sabiex ma jkunx aestetikament ikrah.

Ir-rikorrent ghalhekk cahad kategorikament illi huwa inghata tali permess bl-intervent ta' Lawrence Gonzi u George Pullicino, kif allega l-intimat.

Mill-banda l-ohra, stante illi l-intimat ghazel illi jibqa kontumaci, huwa ma ressaq ebda prova illi b'xi mod tiggustifika l-allegazzjoni tieghu illi l-permess inhareg "bl-involviment dirett ta' George Pullicino" kif ukoll il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi.

Apparti minn hekk, jirrizulta mhux ippruvat ukoll l-allegazzjon illi "it-talba fuq il-Palazz tieghu kienetr l-uniku wahda accettata", peress illi r-rikorrent ressaq provi permezz ta' ritratti biex jur illi fid-dintorni tieghu, kien hemm varji zviluppi illi saru fuq tlett sulari, u mhux tieghu biss.

Ghalhekk, tali allegazzjoni ma gietx ippruvata wkoll.

**Ikkunsidrat**

Ir-raba u l-ahhar allegazzjoni, kienet illi l-gnien li hemm mad-dar tar-rikorrenti ma kienetx ghadha aktar gewwa ODZ izda illi giet imdahhla fiz-zona ta' zvilupp mill-Prim Ministru tal-gurnata Dr Lawrence Gonzi.

Dwar tali allegazzjoni, ir-rikorrent bil-gurament jghid is-segwenti (fol 16):

> *Ir-raba' haga malafamanti fil-konfront tieghi Sur Magistrat hija illi dawn qeghdin jghidu li l-gnien li hemm mad-dar tieghi ma ghadux ODZ. Din hija gidba ohra. Jekk wiehed jara r-rationalization process li sar fit-2006-5, anzi totalment l-oppost. Jigifieri l-line ta' l-ODZ jaqta' ezatti mal-gnien tieghi. Jigifieri l-gnien tieghi manifestly huwa ODZ. Jigifieri gidba, jigifieri mhux opinjoni din, jigifieri mhux jiena qed nghid li hu. Jigifieri bhala fatt il-gnien tieghi huwa ODZ. Jigifieri l-wara tad-dar tieghi, tat-triq kollha biex niftehmu, huwa l-line of development. Allura meta jghidu illi Lawrence Gonzi – Lawrence Gonzi dahhal il-gnien tieghi minn mhux ODZ ghal ODZ. Mentri l-verita` hija li Lawrence Gonzi (kwazi ghamilli vendikazzjoni!), Lawrence Gonzi ghamilha iswed fuq l-abjad li l-gnien tieghi – mhux tieghi, il-linja ta' zvilupp kollha hija ODZ.*

Jirrizulta illi quddiem dina l-Qorti, ma ngiebet ebda prova dokumentarja dwar il-konfini tal-Outside Development Zone w il-propjeta tar-rikorrent. Madanakolluy, peress illi l-intimat ma ressaq ebda prova sabiex jikkontradici dina l-verzjoni moghtija mir-rikorrent, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandhiex temmen il-verzjoni tal-fatti kif esposti mir-rikorrent.

Jirrizulta, ghalhekk, illi skond kif jishaq ir-rikorrent, il-gnien tieghu, a differenza ta' dak allegat mill-intimat, ma huwiex f'zona ta' zvilupp, izda huwa inkluz fiz-zona ODZ u ghalhekk l-allegazzjoni illi ghamel l-intimat ma hijiex wahda korretta.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fis-sottomissjonijet ben ricerkati ta' l-abbli difensur tal-intimat, illi gew ppresentati abbazi tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat sahaq illi l-meritu tal-kaz odjern kien jittratta kwistjoni ta' interess pubbliku u dak illi huwa ghamel ma mar bl-ebda mod oltre d-dmir gurnalistiku ta' 'public watchdog' jew naqas minn kriterji ta' responsabbilta' gurnalistika filwaqt illi insista li dak li huwa ghamel kien bl-ezercizzju tal-liberta ta' l-espressjoni illi tifforma l-fondazzjoni ta' kwalumkwe socjeta demokratika.

L-istess intimat, sussegwentement, wara rassejna ben ricerkata ta' tghalim lokali u kemm esteru minn Qrati dwar tali kwistjoni, ghalaq billi qal is-segwenti:

*... din l-Onorabbli Qorti trid tikkunsidra l-metodu tax-xandir u safeguard li saru anke tramite intervista biex jiccertifikaw li l-informazzjoni imxandra kienet korretta u dan ghandu jillimita kwalunkwe danni li jistghu jigu moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-diskrezzjoni taghha considerando wkoll li l-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 ghalkemm jikkunsidra ammont massimu ta' danni, ma jikkunsidrax il-minimu. Jirrizulta minn dan li l-legislatur Malti prova jevita, mill-iktar mod possibbli, kwalunkwe riskju ta' 'chilling effect' fuq il-medja.*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, qabel xejn, tossserva illi r-rikorrent, bhala politiku ghandu jkun suggett ghall-livell ta' kritika ferm oghla minn dik ta' persuna privata. Kif intqal fis-sentenza **Ligens vs Austria**, mhaddna mill-Qorti Maltin ukoll:-

*Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Mill-banda l-ohra id-dritt tal-gurnalist illi jirrapporta dak li jidhirlu xieraq u korrett, gie diskuss ampjament fil-kawza '**Axel Springer AG vs Germany**', deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 ta' Frar 2012, fejn saret referenza ghall-principji generali li jirregolaw il-liberta' ta' l-espressjoni w il-gurnalist, fejn qalet is-segwenti:-

*78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.*

Fuq ir-rwol li ghandu jkollu gurnalist fil-qasam tal-liberta ta' l-espressjoni, l-Qorti tghid is-segwenti:

*79. The Court has also repeatedly emphasised the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information*

*and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog".*

L-istess intqal fil-kawza **Delphi AS vs Estonia** deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' Ottubru 2013, fejn ziedet tghid:

*.... the Court reiterates the essential function the press fulfils in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, particularly as regards the reputation and rights of others and the need to prevent the disclosure of confidential information, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. In addition, the Court is mindful of the fact that journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation. The limits of permissible criticism are narrower in relation to a private citizen than in relation to politicians or governments.*

Tali principju reggha gie ripetut fil-kawza **Erla Hlynsdottir vs Iceland** deciza mill Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ricentement, ossija fil 21 ta' Ottubru 2014, fuq meritu simili ghal dak in ezami, fejn intqal is-segwenti:

*62. The protection of the right of journalists to impart information on issues of general interest requires that they should act in good faith and on an accurate factual basis and provide "reliable and precise" information in accordance with the ethics of journalism . Under the terms of paragraph 2 of Article 10 of the Convention, freedom of expression carries with it "duties and responsibilities" that also apply to the media, even with respect to matters of serious public concern. Those "duties and responsibilities" are significant when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations.*

**Ikkunsidrat**

Tenut kont tat-tghalim kif hawn fuq spjegat, il-Qorti taghmel s-segwenti osservazzjonjiet:

- Ma ghandu jkun hemm ebda dubju illi r-rikorrent huwa persuna politika u ghalhekk soggett ghal-livell ta' kritika oghlja;

- Ma ghandu jkun hemm wkoll ebda dubju illi l-gurnalisti w il-'press' huma il 'public watch dog' tac-cittadin, u qieghdin hemm biex jirrappurtaw kull ma huwa ta' interess pubbliku u li jista' b'xi mod, jipprotegi l-interessi tac-cittadin in rigward ta' azzjonijiet illi jsiru minn politici, li l-istess cittadini jeleggu fil-parlament sabiex jirrappresentaw l-interessi taghhom, u jikxfu l-agir ta' tali politici meta l-interessi tac-citaddin qieghedin jigi, b'xi mod mhedded jew imxekkel.

- Il-kritika w rappurtagg tal-gurnalisti irid ikun wiehed serju u ben ricerkat, f'liema kaz, anke zbalji genwini jistghu ikunu tollerati minn dawna l-Qrati (**Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** 3 ta' Frar, 2012)

- Il-gurnalist irid ikun lest u f'pusizzjoni illi jiddefendi u jissustanzja l-allegazzjonijiet tieghu f'Qorti meta jigu kkontestati.

Hekk kif saru dwan l-osservazzjonijiet, il-Qorti tghaddi biex taghmel is-segwenti konkluzjonjiet:

- L-intimat qatt ma deher sabiex jiddefendi l-allegazzjonijiet tieghu u qatt ma ressaq ebda tip ta' prova in sostenn ta' dak minnu allegat
- Ir-rikorrent, bil-provi minnu prodotti, kemm dokumentarji kif ukoll viva-voce, wera illi:
    - Il-post kien kopert b'permess mahrug fis-sena 1981 u eventwalment imgedded fis-sena 1988 u inbena ftit wara;
    - Huwa xtara il-post fis-sena 1994, meta tali binja kienet gia mibnija;
    - Il-permessi ghat-tkabbir tal-gnien gie ippresentat u mahrug meta il-Partit Laburista kien fil-Gvern;
    - Il permezz tas-swimming pool gie ippresentat meta il-Partit Laburista kien fil-Gvern u inhareg ftit wara illi tali Gvern spicca qabel il-periodu naturali tieghu;
    - Huwa tella t-tielet sular fil-binja tieghu in linea ma' policies tal-Awtorita' tal-Ippjanar ghac-centru ta' Malta illi kienu jippermettu tali bini;
    - Il-gnien tieghu ghadu meqjus f'zona barra l-izvilupp (ODZ) u ghalhekk ma jistax isir zvilupp fih.

Minn tali konsiderazzjonijiet u konkluzjonijet, ibbazat fuq il-provi prodotti quddiemha, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi x-xandira mtella fuq in-news tal-One TV fil-15 u 16 ta' Marzu 2016, inkluz l-intervista man-Nutar Ian Castaldi Paris fis 16 ta' Marzu 2016, kienu intizi unikament sabiex jillibellaw u jimmalafamaw lir-rikorrent u r-reputazzjoni tieghu, u ghalhekk dina l-Qorti ma tistax ma tikkundannahomx u ghalhekk tiehu l-passi opportuni.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi prodotti quddiemha mir-rikorrent,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** it-talbiet attrici u ghalhekk.

**Tiddikjara** l-ahbarjiet imxandra fil-15 ta' Marzu 2016 u fis-16 ta' Marzu 2016 fuq in-news ta' l-istazzjoni televisiv One TV in konnessjoni ma' allegazzjonjiet relatati mad-dar privata tar-rikorrent gewwa l-Gharghur bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat, bhala editur ta' l-istazzjon Televisiv One TV, ihallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kollu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur